*DANNI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 290/2016/LSO**

**TEC Limited (C 58354)**

**vs**

**Esron Mifsud (KI 478887M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' TEC Limited [C 58354) rapprezentata minn Carmel Magro [Kl 440868 M) datat 8 ta' April 2016 fejn esponew :-

Illi l-kumpanija rikorrenti torganizza attivitajiet bhal fieri u esibizzjonijiet u taghti xoghlijiet lil diversi persuni u kumpanniji bhala *sub contractors*;

Illi fil-15 ta' Novembru 2014 gewwa l-Malta Ship Building, Marsa saret attivita` u l-intimat kien gie ingaggat biex jaghmel xoghlijiet;

Illi minhabba imperizja, negligenza u traskuragni min-naha ta' l-intimat giet ikkawzata hsara konsiderevoli *inter alia* f'numru ta' gazebos, tapiti, u vetturi, liema hsarat jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disa' ewro u tmenin centezmu], kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli minhabba li wera imperizja, negligenza u traskuragni, u minhabba fih jew persuni ingaggati minnu, giet ikkawzata hsara konsiderevoli *inter alia* f'numru ta' gazebos, tapiti, u vetturi;

2. Tiddikjara l-hsarat jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disa' ewro u tmenin

centezmu], jew somma ohra verjuri li fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti thoss opportun tinnomina perit ghal dan l-iskop;

3. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti hsarat li jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa’ mija u disa’ ewro u tmenin centezmu] jew kull somma ohra deciza minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali 230/15 u l-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet, kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2016.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Esron Mifsud datata 11 ta’ Mejju 2016 (fol 14) fejn bil-gurament tieghu kkonferma s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti jirreleva li precedentement ghall-intavolar tal-kawza odjerna, hu intavola kawza fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ismijiet **Esron Mifsud vs TEC Ltd** (Rif Nru. 205/2016 LSO) fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tordna lis-socjeta' attrici thallsu l-ammont ta' dsatax-il elf u disa’ ewro u tmenin centezmu (€19,009.80) ghal diversi xoghlijiet li kienu gew rezi minnu lilha, inkluz dak ta' l-avveniment datat 15 ta' Novembru 2014 imsemmi fir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici, u ghalhekk din il-kawza ghandha *ai termini* ta' l-**artikolu 793 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura**

**Civili** tinstema' flimkien mal-kawza fl-ismijiet Esron Mifsud vs TEC Ltd (Rif Nru 205/2016 LSO) *stante* li huma konnessi ma' xulxin;

2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti jirrespingi bil-qawwa l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tieghu bhala totalment infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt *stante* li d-danni li gew allegatament sofferti mis-socjeta' attrici ma sehhewx tort ta' l-eccipjenti u dan kif se jigi ahjar ippruvat fil-kors ta' din il-kawza u ghalhekk ebda ammont m'huwa dovut lis-socjeta' attrici *da parte* ta' l-eccipjenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici trid tipprova d-danni reklamanti minna u dan specjalment *in vista* tal-fatt li s-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficjali quddiem din l-Onorabbli Qorti *ai termini* ta' l-artikolu 166A li jgib in-numru ta' referenza 230/2015, liema ittra giet opposta mill-eccipjenti, fejn kif jirrizulta minn din l-ittra s-socjeta' attrici minn jedda stess naqqset milli titlob l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disgha ewro u tmenin centezmu (€24,909.80) *stante* li rreduciet it-talba taghha a bazi ta' l-istess fattura ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro (€23,293);

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra li jistghu jinghataw fil-prosegwiment tal-kaz;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti TEC Limited datata 8 ta’ Awwissu 2018 a fol 202 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Esron Mifsud datata 26 ta’ Novembru 2018 a fol 214 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 17 ta' Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut Mifsud u d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri prezenti ddikjaraw li ser jaghmlu sottomissjoni finali wahda kemm ghal din il-kawza u anke ghall-kawza Nru 30 - Cit Nru 290/2016/LSO - fuq il-lista tal-lum. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet: Dr Frank Testa u Dr David Farrugia Sacco, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza finali ghat-30 ta' April 201 9 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi jirrizulta li permezz tal-kaz 205/16 Esron Mifsud ipproceda kontra TEC Limited ghall-hlas ta’ dsatax-il elf disa’ mitt ewro u tmenin centezmu (€19,009.80), rapprezentanti servizzi rezi lis-socjeta` intimata. Is-socjeta' intimata laqghet billi sostniet li b’imperizja, negligenza u traskuragni, giet kawzata hsara konsiderevoli, u li ma giex pprezentat kont lill-intimat. In segwitu, s-socjeta' TEC Limited permezz tal-kaz odjern numru 290/2016, li huwa miexi mal-kaz sucitat ipprocediet fil-konfront ta’ Esron Mifsud ghall-allegati danni

fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, disa' mija u disgha ewro u tmenin centezmu (€24,909.80). Esron Mifsud oppona billi sostna li d-danni allegatament sofferti ma sehhewx tort tieghu, inoltre` d-danni reklamati ghandhom jigu ppruvati.

**Fatti:**

Jirrizulta li s-socjeta' TEC Limited tiehu hsieb armar fl-organizzazzjoni ta' attivatijiet, Esron Mifsud kien jarma tined u dak necessarju ghall-avvenimenti fuq inkarigu ta' Charles Magro in rapprezentanza ta' TEC Limited. Illi Esron Mifsud ta s-servizzi tieghu ghal diversi avvenimenti fosthom, b'armar ta' tined, 'pop ups', gazebos, u tqeghid ta' twapet. Illi TEC Limited kienet inkarigata sabiex torganizza l-avveniment tal-15 ta' Novembru 2014 gewwa l-Malta Shipbuilding, il-Marsa. Jirrizulta, li in segwitu ghall-maltempata fis-7 ta' Novembru 2014, li fiha kien sar herba mit-tined hemmhekk armati ghal dan l-avveniment, TEC Limited kienet responsabbli sabiex terga' tarma' dak kollu necessarju bi preparazzjoni ghall-avveniment. Ghalhekk, TEC Limited qed issostni li b'konsegwenza tal-hsara sofferta minhabba negligenza u imperizja da parti ta' Mifsud, sofriet danni fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, disgha mija u disgha ewro u tmenin centezmu (€24,909.80). Ghal din ir-raguni, l-ittra ufficjali mibghuta minn Esron Mifsud *ai termini* tal-artikolu 166A, numru 212/2015, fejn qed jintalab l-ammont ta' (€19,009.80) ghas-servizzi rezi, giet respinta mis-socjeta` TEC Limited, u baqghet inadempjenti. Jirrizulta wkoll, li TEC Limited interpellat lil Esron Mifsud *ai termini* tal-artikolu 166A, permezz ta' ittra uffcjali datat 19 ta' Novembru 2015, bin-numru 230/2015, ghad-danni (fol 20).

**Provi:**

**Matthew Vella** ghal TEC Ltd xehed (fol 137-141)[1] u qal, li f'Novembru 2014, kien jahdem *part time* ma' Charles Magro, u f'dak iz-zmien kien hemm il-Junior Eurovision. Spjega li Esron Mifsud kien inghata l-materjal u kellu jarma t-tined fuq struzzjonijiet ta' Charles Magro. Qal li jiftakar lis-Sur Magro ighid lil Esron li importanti li jaghmel il-pinnijiet taht it-tined, liema pinnijiet kienu xi daqs ta' nofs metru li jitwahhlu fis-saqajn. Qal li hu dakinhar kien prezenti fl-ufficju mas-Sur Magro u beda jisimghu jitkellem ma' Esron fuq it-telefon. Kompla jghid, li dakinhar hu kien baqa' prezenti fuq is-sit in kwistjoni fejn kien hemm it-tined u ma kinux gew imwahhla l-pinninijiet. Fil-fatt qal, li meta mbaghad qam ir-rih, it-tined bdew itiru u anke intlaqtet vettura ta' TEC Ltd.

**In kontro-ezami** qal, li hu kien inkarigat minn xoghol amministrattiv fl-ufficju, izda kien jiehu interess, meta jkun hemm tinda gdida u jaraha tintrama. Qal li xi drabi ra lil Esron fuq is-sit tax-xoghol. Dwar il-kwistjoni tal-pinnijiet mat-tined, qal li gie spjegat dan minn diversi haddiema. Spjega li fil-kaz in kwistjoni kien hemm seba' gazebos ta' erbgha b'erbgha, qal li ma ccekjahomx kollha, izda kien prezenti meta Charles Magro beda jkellem lil Esron fuq it-telefon dwar il-pinnijiet.

**Alexia Vella** xehdet (fol 142-144)[2] u qalet li kienet taghmel xoghol klerikali ma' TEC Ltd. Hi spjegat li dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014, hi kienet hemm fuq is-sit fejn kienu armati t-tined ghall-Junior Eurovision, meta kien qed iqum il-

[1] Seduta tas-6 ta' Gunju 2017.
[2] Seduta tas-6 ta' Gunju 2017.

maltemp. Semmiet li hi u Matthew Vella kienu flimkien ma' Charles Magro go *container*, u b'hekk f'post zghir hekk kienu qed jisimghu lil Charles jitkellem fuq it-telefon ma' Esron u jghidlu biex jigi jaghmel il-pinnijiet mat-tined.

**In kontro-ezami** qalet, li meta t-tined bdew itiru, huma kellhom jaghtu daqqa t'id, fejn anke tinda taret u habtet ma' van Transit u rat dan isehh, rat li l-van intlaqat fuq il-parti ta' wara. Mistoqsija tafx jekk Charles Magro dakinhar kien baghat lil Esron fuq lant tax-xoghol iehor il-Belt, qalet li ma tafx, izda kif taf hi, jidher li dakinhar il-priorita kienu l-pinnijiet ta' dawn it-tined.

**Charles Dalli** xehed (fol 145-148)[3] u qal li hu Engineering Manager, u meta sar il-Junior Eurovision Song Contest fil-Malta Shipbuilding, ir-rwol tieghu kien ta' Director of Technical Services. Spjega li Charles Magro kien involut f'manutenzjoni tal-post, preparamenti ta' armar u dak relatat ma' *backstage*. Semma li kienet qamet tempesta gimgha u nofs qabel ix-xandira u l-incident li laqathom kien kbir, u minn stharrig li sar instab li ammont ta' tined zghar li kienu armati fuq barra ma kinux ankrati sew. Zied ighid, li huma kienu ghamlu ammont ta' *risk assessments*, u kkjarifika li apparti l-prassi normali li jsegwu da parti tal-PBS kien hemm ukoll regola da parti tal-EBU European Boradcasting Union. Semma li gie stabbilit li dawn it-tined ma kinux ankrati sew meta kienu ghaddejin ix-xoghlijiet, qabel il-maltempata, u meta rrefera dan lil Charles Magro qallu li ser jiehu hsiebha.

**In kontro-ezami** qal, li t-tined kienu qed jitilghu fl-ahhar jiem, kienu diga 'behind schedule', qal li hu kien jigbed l-attenzjoni

[3] Seduta tas-6 ta' Gunju 2017

ta' Charles Magro ghal kull haga, inkluz ghall-ankrazzjoni tat-tined. Ma jiftakarx kemm kien ghadda hin minn meta gibidlu l-attenzjoni ghall-maltempata. Zied ighid li m'ghamlux *claim* tal-*insurance* peress li ma kintix taqa` taht ir-*remit* taghhom. Spjega li jekk ma kellux *claim* minn xi hadd dirett li tghajjat lill-PBS, ma kellux ghalfejn imur fuq l-*insurance*. Hu spjega li wara l-maltempata kien hemm problema ta' 'flooding' fuq is-sit. Mistoqsi rigward it-tined meta taru bir-rih u gew rimpjazzati u jekk kellhomx ihallsu aktar, qal li le ghax dik kienet responsabbilta` tas-*supplier*, TEC Ltd. Hu kkonferma fil-fatt, li t-tined li kienu telqu gew sostitwiti.

**Esron Mifsud** xehed (fol 27-35)[4] u qal, li hu jahdem ghar-rasu, lil Charles Magro jafu ghax hadimlu. Qal li sar jafu, peress li Magro beda jahdem fuq 'events' fejn kien hemm bzonn xoghol ta' tined. Hu esebixxa Dok EM1, li hija kitba ta' Charles Magro, fejn indika l-prezzijiet u kien hallsu taghhom. Esebixxa Dok EM2, fejn jidhru kontijiet ghal xoghol li ghamillu fil-Junior Eurovision Song Contest, fil-Birgufest, Pjazza San Gorg, u l-art f'La Sfoglia l-Belt, izda baqa' ma thallas xejn ta' dak li jidher f'Dok EM2. Charles Magro ma hallsux u qallu li ghandu jtih tal-hsara li sar fit-tined tal-Junior Eurovision Song Contest, izda hu spjega li skont hu l-hsara ma kinitx tort tieghu, izda tal-maltemp li kien sar fis-7 ta' Novembru 2014. Hu esebixxa pjanta Dok EM4 tax-xoghol li kien ghamel tal-Junior Eurovision Song Contest. Qal li dakinhar tal-maltempata, Charles Magro kien baghtu jahdem f'La Sfoglia, l-Belt, u sakemm kien qed jahdem hemm kienet lahqet giet il-maltempata. Spjega d-differenza bejn *pop-ups* u tined, *pop-ups* huma tined zghar

[4] Seduta tat-13 ta' Settembru 2016.

ta' tnejn bi tnejn, u tined ikun akbar. Qal li meta Magro baghtu f'La Sfoglia dakinhar tal-maltempata, sab ticrita fit-tinda, hu kien jahdem hemm, u fil-frattemp lehqet giet il-maltempata, u meta mar fuq is-sit tas-Shipbuidling sussegwentement, sab it-tined ta' hemm herba. Semma li hu kien ghamel tapit got-tinda ta' 15 by 40, dahal l-ilma minn taht it-tinda dakinhar tal-maltempata, izda hu ma jahtix ghall-fatt li kien dahal l-ilma hemm. Hu esebixxa Dok EM3 u Dok EM5 u ritratti tal-maltempata dakinhar, u Dok EM7 fejn jidher li l-maltempata ta' dakinhar tant kienet kbira li anke qalbet hitan. Esebixxa wkoll Dok EM9 u 10 biex juri li hu kien inkarigat minn TEC Ltd biex jesegwixxi dan ix-xoghol. Qal li l-kont tax-xoghlijiet Dok EM2 kien baghtu lil Charles Magro ma' certu Norman Attard. Esebixxa wkoll Dok EM11, *video* tat-Times of Malta dwar l-imsemmija maltempata. Esebixxa wkoll Dok XYZ, footage ta' TVM dwar il-maltempata ta' dakinhar.

**In kontro-ezami** qal (fol 150-164)[5] li Charles Magro kien qallu li ried ikompli bix-xoghol fuq it-tined bl-ippeggjar tat-tined izda dakinhar tas-7 ta' Novembru kien baghtu f' La Sfoglia Restaurant, biex isewwi t-tinda, fejn qallu biex jirrangalu hemm imbaghad jigi jkompli. Qal li kien mar fuq u qallu biex imur 'La Sfoglia' u kien qal lil Paul Cortis li sejjer hemm. Mistoqsi li mhuwiex minnu li baghtu Charles Magro dakinhar, u li mhuwiex minnu li dakinhar hu kien hemm fuq is-sit u hadem fuq it-tined, qal li le ghax kuljum kien jarah. Hu kkonferma li t-tined ma kinux ippegjati u li taru, u qabel li xogholu kien li jippegjahom. Hu qabel ukoll li s-saqajn tat-tined kienu mghottija bil-'gravel' ghax riedu jbaxxu t-tined kemm kemm biex ma jidhrux koroh. Qal li l-*pegs* kienu

[5] Seduta tas-26 ta' Settembru 2017.

ghadhom se jaghmluhom. Spjega li t-tinda l-kbira li ma taritx kienet ippegjata, ghax dik lahqet saret qabel l-ohrajn, u l-ohrajn kien jonqoshom il-*pegs* u l-*gutter*. Qal li sens komun li trid tippegja t-tined u ma jafx li Magro kien qallu li jrid jppegjahomu qal li hu dejjem kien mar hemm fuq is-sit tas-Shipbuilding. Referut ghal Dok EM10, qal li dik it-tieni darba ghax hu darbtejn mar hemm. Qal illi x'aktarx kien mar darb'ohra qabel is-7 ta' Novembru, ladarba kien jaf fejn hu r-restaurant. Qal li kien sewwa t-ticrita fit-tinda tar-restaurant bil-*blower*, u ma setax jaghmilha dakinhar tas-7 ta' Novembru minhabba l-maltemp izda fil-15 ta' Novembru kien sewwiha bil-*blower*, u l-*blower* ma kienx mieghu dakinhar tas-7 ta' Novembru, hadu mieghu fil-15 ta' Novembru ghax kien jaf bil-problema.

**Isabella Cilia** xehdet (fol 36-37)[6] u qalet li hi s-siehba ta' Esron u ghalkemm taghmel xoghol differenti minn tieghu, xi drabi tghinu wkoll. Qalet li dakinhar tal-maltempata kien cemplilha Esron u qalilha li Charles Magro kien baghtu jahdem il-Belt f'La Sfoglia Restaurant, peress, li kien hemm hsara fit-tinda tar-restaurant. Semmiet li meta kien mar id-dar kien qalilha, li meta mar il-Malta Shipbuilding, kien sab xi hsarat, u taf ukoll li ghalkemm Esron ikkuntattja lil Magro kemm-il darba biex jithallas, baqa' ma thallasx. Ziedet tghid li fix-xoghol tal-Birgufest, kienet ghenitu hi jtella' xi *pop-ups* fuq il-post.

**Paul Cortis** xehed (fol 40-44) u qal li ghandu hanut, kafetterija, imbaghad kien beda jahdem ma' Charles Magro f'xoghol ta' armar ta' tined. Semma li Magro kien iqabbad lil Esron jaghmel xoghol ta' tined u tapiti ghall-events, u fix-

[6] Seduta tal-1 ta' Novembru 2016.

xoghol li kien isir hu kien ighin lil Esron, fejn kien ghen il-Junior Eurovision biex jarma xi '*pop-ups*'. Hu kkonferma li dakinhar tal-maltempata, Esron kien mar il-Belt fuq struzzjonijiet minghand Charles Magro, f'restaurant 'La Sfoglia'. Wara l-maltemp Charles kien cempel lil Esron, u sussegwentement Charles Magro kien issostitwixxa t-tined li telqu, u Esron kien ramahhom. Qal li d-daqqa fil-van Transit li kien hemm fuq is-sit tas-Shipbuilding ma jafx saritx dakinhar tal-maltemp.

**Joseph Schiavone** xehed (fol 54-59)[7] u mistoqsi dwar it-temp mis-6 sat-8 ta' Novembru 2014, qal li fis-6 ta' Novembru r-rih kien qawwi 12 knots, u fis-7 ta' Novembru, kien hemm tromba ta' rih ta' 68 knots, rih qawwi hafna. Qal li mhuwiex facli tanticipa li tkun gejja din it-tromba. Qal li mhuwiex normali ghal Malta, hu aktar normali buffura ta' 55, 56 knots. Esebixxa Dok JS1 rapport tal-ufficju meteorologiku.

**In kontro-ezami** qal, li kienu infurmati c-Civil Protection Department, izda ma kienx hemm rapport ta' incidenti

**In ri-ezami**, qal, li jista' ighid li buffura ta' 64 knots hi qawwija

**Charles Magro** xehed (fol 60-69)[8] u qal, li l-kumpanija tieghu tipprovdi servizzi ta' tined ghamajjar, tapiti, dak kollu li jmur ma' *events* u *staging*. Qal li meta sar jaf lil Esron qallu li m'ghandux esperjenza vasta, u kellu jkun ma' wiehed aktar esperjenzat jismu Terence. Semma li meta ha l-kuntratt tal-Junior Eurovision Song Contest, inkariga lil Esron biex itella

[7] Seduta tal-31 ta' Jannar 2017
[8] Seduta tas-7 ta' Marzu 2017

tined u xi *pop-ups*. Waqt li kien qed jahdem fuq is-sit innota li Esron ma kienx qed jigi ma' Terence izda kien qed jahdem bi tfal ta' sittax-il sena. Hu esebixxa Dok CM1 li juri li t-tinda suppost ikollha l-'pegs' biex jorbtu. Qal Esron beda jtella' tinda wara ohra, u biex ihaffef ma jippegjahomx mal-art, is-saqajn taghhom, ghattihom bil-'gravel'. Spjega li hu kien jigri warajh, granet qabel qam dan ir-rih, biex jigi jippegja t-tined. Qal li r-rapport tal-*manufacturer* tat-tined, ighidlek li dawn ghandhom ikun mtellghin bil-weghts. Izda meta qam ir-rih, kellhom herba, it-tined taru. Qal li mhuwiex minnu li kien baghat lil Esron jahdem f'La Sfoglia dakinhar tas-7 ta' Novembru, kien baghtu hemm fid-9 ta' Novembru jumejn wara. Qal li minhabba l-hsara li grat dakinhar hu garrab spejjez, fejn gew stmati l-valur tat-tined li regghu ingiebu, u regghu ghamlu kollox mill-gdid. Spjega li meta Esron kellmu biex jibghatlu l-kont, wiegbu li qed jigbor l-ispejjez li garrab. Qal li jaf li Esron hadem izda ma jistax ikun li hu jgarrab dawk l-ispejjez kollha ghal xoghol li ma sarx kif suppost. Qal li dawk it-tined li kien tella' hu u ma tellaghhomx Esron, kienu ippegjati u ma waqghux. Semma li minn Dok EM10 esebit mill-istess Esron jidher li c-*cherry picker* fejn Ta' Sfoglia Restaurant kien mar fid-9 ta' Novembru mhux fis-7 ta' Novembru. Cahad kategorikament li dakinhar tal-maltempata baghat lil Esron isewwi tinda f'La Sfoglia Restaurant. Zied ighid, li Esron ma kienx gie hemm la fil-gurnata tal-maltempata u lanqas il-gurnata ta' wara. Qal li dakinhar tal-maltempata ipprova jcempillu. Semma li Esron kien jigi filghaxijiet u hu kien ighidlu biex imur fil-ghodu. Spjega li t-tined li rama Esron ma kellhomx *pegs* u lanqas *gutters* ghal fejn kellu jcarcar l-ilma. Qal ukoll, li lil Norman Attard jafu izda ma jahdimx mieghu.

**In kontro-ezami** qal, (fol 165-177)[9] li x-xoghol li tipprovdi l-kumpanija tieghu kien ilu jsir mill-2012 u l-akkadut tal-maltempata sar fl-2014, sentejn wara. Qal li kien kuntent bix-xoghol precedenti ta' Esron tant li dejjem kien hallsu. Ikkonferma li Esron kien hadimlu ghall-Birgufest u f'Ghajn Tuffieha. Fix-xoghol precedenti li kien tah, it-tined, kienu jirrikjedu jew *weights* jew *pegging*. Semma li meta Esron hadem ma' Terence u ghamel tinda ghall-President kienet saret bil-*pegging*. Bejn il-maltempata tas-7 ta' Novembru u x-show kien hemm zmien ta' gimgha. Qal li l-pass ghax-xoghol kien distint minn dak ghall-*event*. Hu seta' jdahhal kemm irid haddiema. Spjega li l-*gravel* li kien tqieghed minn Esron ma setax jghatti kollox izda hemm sistema ta' *pegs* ohra ghal gol-hamrija, u d-daqs tal-*pegs* hekk hux tas-60cm jew 80cm, jintuzaw skont il-kobor tat-tinda. Hu kkjarifika li l-*gravel* ma kienx tefghu Esron, imma intefa' minn kuntrattur iehor, izda hu baqa' jigbed l-attenzjoni lil Esron li t-tined ghadhom mhumiex *pegged*. Illi fis-sit kien hemm tined li kienu ppegjati minnu u li xorta ma setghux jigu uzati, u kien hemm tined mhux ippegjati. Fil-fatt, qal li kien hemm tined li ppegja Esron li ma nqalghux, u mhux it-tined kollha spiccaw, ghax kien hemm tinda kbira li baqghet fuq il-post. Izda spjega li dawk li ma kinux ippegjati kollha taru, u kien hemm xi sitt tined li ntuzaw xorta. Qal li Esron seta mar jara r-restaurant La Sfoglia fid-9 ta' Novembru 2014, u jsewwi fejn kellu bzonn ic-*cherry picker* fil-15 ta' Novembru izda ma baghtux fis-7 ta' Novembru, qal ghax fil-maltemp ma jiftahx ir-restaurant. Mistoqsi kif kien jaf min kien fir-restaurnat, li kien gej il-maltemp, qal li ma jafx. Dwar it-tapiti, qal li l-*red carpet* idum bejn wiehed u iehor xi gurnata u nofs biex jitqieghed.

---

[9] Seduta tas-16 ta' Jannar 2018.

Esebixxa Dok XYZ2, ricevuti li kienu thallsu. Ix-xoghol precedenti li kien ghamel Esron kien imhallas tieghu u kien jinvolvi *pegging* ukoll. Esebixxa Dok XYZ3 u esebixxa pjanta tat-tined extra bhala Dok XYZ4, u qal li hi l-pjanta li tawh il-PBS.

**Anton Attard** (fol 72-74)[10] xehed u qal, li f'Novembru 2014, kien Kap Ezekuttiv tal-PBS, jaf li TEC Ltd kienet ingaggata biex taghmel struttura tal-Junior Song Contest fil-Malta Shipbuilding. Qal li dakinhar tal-maltempata fis-7 ta' Novembru 2014, it-tined li ma kinux *pegged*, u l-bicca ta' minn fejn jidhlu l-VIP's spiccat frakass, filwaqt li t-tinda kbira ghalkemm tperper bir-rih baqghet f'postha. Ippreciza li ma jafx jekk dawn twahhlux mill-istess persuna peress li r-relazzjoni tieghu kienet ma' TEC Ltd u TEC Ltd hallset ghal dan ix-xoghol. Fejn hemm immarkat bl-ahdar, huma t-tined *backstage* li kellu jaghmel Esron. Dawn kienu gewwa dawn it-tined u ghalhekk ma nqalghux.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

Illi waqt is-seduta datata 9 ta' Gunju 2016, gie ordnat li l-kaz 205/2016 fl-ismijiet Esron Mifsud vs TEC Limited. U l-kaz 290/2016 Esron Mifsud vs TEC Limited, ghandhom jinstemghu kontestwalment, u ghalhekk din is-sentenza ser tkopri t-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha li jinsabu fiz-zewg kawzi.

[10] Seduta tat-18 ta' Lulju 2017.

**Talbiet ta' TEC Limited - Responsabbilta` ghad-Danni**

Illi l-intimat ikkontesta l-addebitu ta' responsabbilita` ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici.

In tema ta' dritt inghad li skont l-**artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili**, li hi l-ligi komuni applikabbli ghal kullhadd indistintament, *'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu,'* u *'jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-dilegenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja".* L-istess ligi hi imbaghad daqstant kategorika u cara dwar il-punt li *'Kull min minghajr hsieb li jaghmel jew jonqos li jaghmel id-doveri imposti fuqu mil-ligi huwa obbligat ghall-hsara li tigi minn hekk.'* Tali principji jabbraccjaw l-attijiet ta' kommissjoni kif ukoll ta' ommissjoni.

Hekk kif inghad fil-kaz **Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* vs Reginald Fava *nomine*** (P.A. (TM) – 25 ta' Marzu 2004) "*persuna hija responsabbli ghad-danni a bazi ta' l-**artikoli 1031, 1032, 1033 tal-Kap 16** li jirreferu kemm ghall-atti ta' nuqqas ta' prudenza u negligenza u wkoll ghal kull min ......minghajr hsieb li jaghmel jew jonqos li jaghmel id-doveri mposti mil-ligi, huwa obbligat ghall-hsara li tigi minn hekk".*

**L-artiklu 1031** jipprovdi illi wiegeb ghal hsara kull wiehed li tigri bil-htija tieghu, filwaqt illi **s-sub artiklu 1 ta` l-artiklu 1032** tal-istess Kodici jispjega illi *"jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-dilegenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja".*

Skont **l-artikolu 1045 tal-Kap 16:** "(*1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib." (damnum emergens* u *lucrum cessans).*

Illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob ir-risarciment ghad-danni *stante* imperizja, negligenza u traskuragni da parti tal-intimat.

Illi dwar responsabbilta' ghad-danni jinghad li *in linea* ta' principju jinsab enuncjat li *"hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza* (**Vol. XLIV P1 p343**).

Jinghad fl-ewwel lok, li hu principju ben assodat fil-gurisprudenza taghna li "*min ifittex ghad-danni irid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti".* (Kollez. Vol. XXX p111 p142).

Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-**artikolu 1045 tal-Kodici Civili**.

Applikati dawn il-principji ghall-fatti in ezami, ikkonsidrat li TEC Limited qed tippretendi r-rizarciment ghas-segwenti danni, kif jirrizulta mill-*invoice* esebita a fol 4 mar-rikors promotur, u cioe`:

a) "Cause of breakage and misuse of 6 gazebos 4m x 4m, roofs and side walls - €16,980.

b) Cause of breakages and misuse of 180metres square carpet layed under gazebos - €1,080.

c) Cause of damages on vehicle LCU 584 due to gazebos that were blown away - €1,730.

d) Other expenses in gutters and labour work to accommodate new set up - €1,320".

Jibda biex jinghad, li mhuwiex ikkontestat, li Esron Mifsud gie inkarigat mis-socjeta TEC Limited biex jaghmel xoghlijiet fil-preparazzjoni ta' tined u 'set-up' ghall-avveniment tal-15 ta' Novembru 2014, tal-Junior Eurovision Song Contest fil-Malta Ship Building Marsa.

Jirrizulta mill-pjanta esebita Dok XYZ4 (fol 199) li t-tined armati gewwa fil-'backstage', li f'din il-pjanta huma indikati bl-ahdar ma sarilhomx hsara, u kienu t-tined kbar gazebos armati fuq barra, fejn saret l-akbar hsara, peress li taru dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014.

Ikkunsidrat, li mix-xhieda moghtija mill-ufficjal tal-Ufficju Meteorologiku, Joseph Schiavone, kif ukoll, mid-dokumenti u l-*footage* esebiti minn Mifsud dwar il-kondizzjonijiet tat-

temp dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014 li kien hemm buffura ta' rih qawwija u sahansitra tromba, li ma kinitx normali ghal Malta, u ma setghetx tigi anticipata. Madanakollu ma jistax jitqies biss dan il-fattur, minghajr ma jigu evalwati r-rizultanzi fattwali ohra.

Relevanti hafna hija x-xhieda ta' Charles Dalli, Director Technical Services inkarigat mill-Junior Eurovision Song Contest, li kkonferma li t-tined ma kinux 'ippeggjati' u marbutin, u kien gibed l-attenzjoni ghall-fatt li hafna tined ma kinux ankrati sew fil-post, sa minn qabel il-maltempata. L-istess xhud ikkonferma li in segwitu ghall-hsarat, it-tined li taru kienu gew sostitwiti, u din kienet ir-responsabbilta` tas-*supplier*, ta' TEC Limited.

Hawnhekk, ta' min isemmi wkoll, li Esron Mifsud stess in kontro-ezami, ikkonferma, li t-tinda l-kbira, li ma taritx, kienet ippegjata u marbuta. Hu stess ikkonferma, li t-tined l-ohrajn kien ghad fadlilhom il-'pegs' u l-'gutters' x'isirulhom.

Alexia Vella u Matthew Vella kkonfermaw li semghu lil Charles Magro fuq it-telefon jitkellem ma' Esron u jfakkru biex isiru l-'pegs' mat-tined, waqt li kienu fil-*container* fis-sit tas-Shipbuilding.

Ghalhekk, jirrizulta, li n-negligenza u n-nuqqas ta' prekawzjonijiet ta' Esron Mifsud, meta naqas li juza l-prudenza mehtiega sabiex jorbot kif kien jehtieg it-tined u jqeghdilhom il-'gutters', wasslu ghall-hsara kkagunata, hija sostanzjata bi provi oggettivi korroboranti. Huwa wkoll ikkonfermat minn Esron Mifsud innifsu, li t-tinda l-kbira li ma waqghetx bil-maltemp kienet marbuta u ppeggjata kif

suppost, u l-ohrajn kienu ghadhom mhux marbutin bl-istess mod.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, mhuwiex wisq sinifikanti dak sostnut minn Esron Mifsud fix-xhieda tieghu, li dakinhar tal-incident, hu kien intbaghat jara tinda f'restaurant il-Belt 'La Sfoglia Restaurant', mill-istess Charles Magro. Mifsud sostna fix-xhieda tieghu li sakemm kien hemmhekk, lehaq inqalghet il-maltempata u ma lehaqx mar jorbot it-tined. Certament kellu jorbothom qabel ghaliex hekk kien jaghmel bniedem prudenti. Min-naha l-ohra, Charles Magro, fix-xhieda tieghu, cahad kategorikament, li huwa kien baghat lil Esron Mifsud f'La Sfoglia Restaurant dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014, u ssottolinea li c-*cherry picker*, kien intbaghat fir-restaurant in kwistjoni fil-15 ta' Novembru 2014 izda ghalkemm irrefera ghad-dokument EM10 (fol 129) dan id-dokument ma jindikax id-data tas-servizz moghti u ghalhekk dwar dan il-fatt mhuwiex prova korroboranti.

Meta *si tratta* ta' zewg verzjonijiet kontrastanti, bhal ma hi s-sitwazzjoni hawn fuq imsemmija, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita` u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Difatti fil-kaz **George Bugeja vs Joseph Meliak**, deciz fit-30 ta' Ottubru 2003, inghad:

*"Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq il-bilanc ta' probabiltajiet, sostrat baziku tal-azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-*

*preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment."*

Madankollu, l-pern tal-kwistjoni odjerna ma titrattax il-fatt jekk Esron Mifsud kienx fil-fatt intbghat 'La Sfoglia' restaurant *o meno* dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014, ghaliex dan kien biss ftit hin qabel inqalghet il-maltempata. Illi kif ikkonferma x-xhud Joseph Schiavone, anke qabel qamet il-buffura rih qawwija, diga kien ir-rih sa mill-gurnata ta' qabel. Ghalhekk, sabiex jigi assigurat li t-tined kienu marbuta b'mod sigur, dan ix-xoghol kellu jsir qabel dakinhar tas-7 ta' Novembru u mhux jithalla nofs lejha.

Ikkunsidrat, li x-xoghol li kien hemm bzonn isir rigward l-irbit tat-tined u gazebos diga armati, flimkien mal-*gutters*, li wkoll ma sarux, ma jitqiesx li kien xoghol li seta' jsir fl-ahhar mument qabel ma giet il-maltempata, izda huwa xoghol li kellu jsir qabel, malli gew armati t-tined u l-gazebos, sabiex jigi assigurat li ttiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega, li x-xoghol sar kif suppost. Illi kif tajjeb issottolinea l-avukat difensur tas-socjeta` TEC Limited fit-trattazzjoni, ix-xoghol tal-armar tat-tined ma kienx komplut ladarba ma kinux marbutin. Ghaldaqstant, anke jekk ghall-grazzja tal-argument Esron Mifsud kien fir-restaurant 'La Sfoglia' dakinhar tal-maltempata, ma jiskolpahx min-negligenza ghaliex ladarba gew armati it-tined, kien kompitu tieghu li jara li huma marbutin sew.

Ghalhekk, taqbel ma' dak sottomess fis-sottomissjonijiet ta' TEC Limited, li l-**artikolu 1029 tal-Kodici Civili**[11] ma japplikax ghall-kaz in dizamina *stante*, li l-fatt li hafna mit-tined ma kinux marbutin, ikkontribwixxa ghall-hsara kkagunata bir-rih, u ma kienx biss kaz fortuwitu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti ma taqbilx mal-argument sottolineat fis-sottomissjonijiet ta' Esron Mifsud, li t-tined kienu struttura temporanja li ma tiflahx kull tip ta' temp, ghaliex jirrizulta mill-provi, li ghalkemm kien ghamel rih qawwi t-tinda l-kbira li kienet marbuta ma waqghetx. Gjaladarba gie ppruvat li l-intimat ma kkompletax ix-xoghol tal-armar, idur fuqu l-*onere* li jipprova li anke bil-*pegging* it-tined ma kienux jifilhu ghar-rih. Dan ma ghamlux.

Jigi rilevat ukoll li l-incident sehh f'Novembru, u cioe`, fix-xitwa, fejn wiehed jistenna maltemp.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax taccetta li Mifsud wera d-diligenza ekwivalenti ghal dak ta' *bonus paterfamilias*, meta hu stess ammetta, li hafna mit-tined armati ma kinux marbutin, u lanqas kellhom 'gutters'.

Fid-dawl ta' ezami akkurata tal-provi prodotti, din il-Qorti taqbel, li hemm ness bejn l-att kolpuz u negligenti ta' Esron Mifsud, u d-danni mitluba mis-socjeta' TEC Limited.

Ghalhekk jigi dedott, li l-hsarat kagunati fis-7 ta' Novembru 2014, kienu konsegwenza ta', negligenza, imperizja u

[11] "**1029.** Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."

traskuragni da parti ta' Esron Mifsud li ma hax hsieb jorbot it-tined kollha sew wara li gew armati u installati fuq is-sit, kwindi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Ghaldaqstant, tichad it-tieni eccezzjoni ta' Esron Mifsud fil-kaz numru 290/2016.

**Likwidazzjoni tad-Danni subiti**

*Nonostante*, li gie stabbilit li Esron Mifsud huwa responsabbli ghad-danni, fadal jigi ezaminat jekk is-socjeta` TEC Limited, ippruvatx id-danni pretizi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Dan irid jigi indagat ukoll fil-parametri tat-tielet eccezzjoni sollevata minn Mifsud, fejn gie eccepit, li d-danni reklamati jridu jigu ippruvati, specjalment *in vista* tal-fatt, li fl-ittra ufficjali numru 230/2015 it-talba giet ridotta minn €24,909.80 ghal €23,293. Fir-rikors numru 290/2016, fit-talbiet kif dedotti, it-talba hija ghal €24,909.80 jew somma ohra verjuri. Jigi osservat, li fl-istess ittra ufficjali, jinsab indikat li: "*Ghall-fini ta' kompetenza t-talba qed tigi ridotta ghal €23,293"*. Din ir-riduzzjoni saret ghall-fini ta' kompetenza biss u ma timportax rinunzja ghall-ammont shih tad-danni. Fil-kawza odjerna, fejn ir-rikorrenti ipprocediet ghad-danni kollha, ma hemmx limitazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser tistharreg it-talba attrici fuq l-ammont kollu mitlub.

Tajjeb jigi rilevat, li s-socjeta` TEC Limited qed tistrieh fuq l-ammont ta' danni reklamati abbazi ta' *invoice* ta' TEC Limited stess, esebita a fol 4, fejn hemm elenkati l-erba' tipi ta' danni diga indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Carmel Magro ikkonferma l-*invoice* imsemmi bil-gurament a fol 64 tal-process.

Madanakollu dan id-dokument wahdu mhuwiex bizzejjed, minghajr korroborazzjoni ta' fatturi ricevuti jew dokumenti ohra simili, sabiex jigi stabbilit kemm attwalment intefaq ghall-ispiza in kwistjoni.

Specifikament dwar il-vettura, jigi nnutat, li ghalkemm Alexia Vella kkonfermat fix-xhieda taghha, li ratha tinlaqat mit-tined qed itiru dakinhar tal-maltempata, ma ngabet l-ebda prova ohra dwar it-tigrif li sehh din il-vettura. Ghal tal-anqas, setghu jigu esebiti ritratti li juru u jevidenzjaw il-hsara fuq il-vettura. L-ebda dokument dwar rapport jew ‘claim' tal-assigurazzjoni ma gew esebiti, kif tajjeb sottomess minn Esron Mifsud. Inoltre`, jirrizulta, li fix-xhieda tieghu Paul Cortis qal, li l-vettura in kwistjoni normalment kienet tkun gewwa, u dan ix-xhud ma giex kontro-ezaminat dwar dan. *In vista* tas-suespost, din il-Qorti tqis li l-hsara fil-vettura ma gietx ippruvata ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti.

Fattur iehor indikat fl-*invoice*, a fol 4 tal-process numru 290/2016 huwa t-tapit. Din il-Qorti hija tal-fehma, li ghalkemm Charles Magro sostna fix-xhieda tieghu, li t-tapit armat fit-tinda xxarrab, izda dan ma giex sostnazjat bi provi, bl-ebda ritratti, u ma jirrizultax jekk regax intuza l-istess tapit jew giex installat tapit iehor. Jigi osservat in-nuqqas ta’ ricevuta esebita, f’kaz li nxtara tapit mill-gdid.

Difatti, jigi osservat, b’mod generali, li ma jirrizulta l-ebda dettalji mill-provi prodotti dwar ix-xoghlijiet li saru wara l-maltempata, min ha sehem fihom, u jekk inxtarax kollox mill-gdid *o meno*. Gie, izda kkonfermat mix-xhud Charles Dalli, li kien is-*supplier* TEC Limited li kien responsabbli biex kollox

jerga' jigi armat. Ghalhekk, certament l-ispiza intefqet minn TEC Limited.

Kif ritenut fil kaz **Lui Jun u Francis Tabone noe vs Ulrich Salomo noe**, P.A.(540/1994/2) - 3 ta' Ottubru 2002…… "*jekk id-danni ma jkunux pre likwidati, min jitlob id-danni irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali."*

**Likwidazzjoni *Arbitrio Boni Viri***

Kif inghad mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg pro et noe vs Muscat**:

*"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn."*

Ikkonsidrat li "*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV PIII p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi 'vi hanno casi in cui, non potendeosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrate di valutare 'ex aequo et bono' secondo l dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*."[12]

[12] Citat b'approvazzjoni fil-kaz – **Joseph Spiteri vs Melanie Cachia** (App Inf.) 30.3.2011.

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti hija soddisfatta li s-socjeta' attrici kellha tohrog hi l-ispejjez mehtiega sabiex tipprovdi it-tined, twapet u armar mehtiega wara l-maltempata. Inoltre, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li t-tined armati mill-intimat sofrew hsara. Da parti tieghu, Esron MIfsud ipproceda kontra TEC Limited ghall-hlas ta' ammont komplessiv ta' €19,009.80 li jinkludi fih, izda mhux biss x-xoghol li kellu jaghmel ghas-socjeta' attrici.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li jkun gust u ekwu li taccetta t-talba ghall-hlas kif murija fl-*Invoice* a fol 4 *eccetto* ghat-talba ghad-danni relattivi ghat-tapit u ghall-hsara lill-vettura LCU 584.

Konsegwentement ser tilqa' t-tieni talba limitatament ghall-ammont ta' €18,300 *piu'* l-VAT billi ssib li l-partiti ndikati bil-paragrafi b) u c) tal-*Invoice* a fol 4 mhumiex sufficjentement ippruvati.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi filwaqt li tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, *stante* li l-ewwel eccezzjoni giet akkolta waqt il-kawza, tilqa' t-talbiet ta' TEC Limited kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' TEC Limited u tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli minhabba li wera imperizja, negligenza u traskuragni u minhabba fih jew persuni ingaggati minnu, giet ikkawzata hsara konsiderevoli kif dedotta fir-rikors guramentat.

2. Tillikwida d-danni kkagunati lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmintax-il elf u tlett mitt ewro (€18,300) *piu`* l-VAT pagabbli fuq din is-somma.

3. Konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Esron Mifsud ihallas is-somma ta' tmintax-il elf u tliet mitt ewro (€18,300) *piu`* l-VAT pagabbli fuq din is-somma flimkien mal-imghaxijiet legali millum sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez kollha - inkluzi dak tal-ittra ufficjali 230/15 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet - jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2019**